MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2001

Numru 1/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp Emanuel Camilleri)**

**v**

**Manuel Dingli ta' 46 sena,**
**bin George u Saveria nee Ellul**
**imwieled u joqghod 'Ingrid',**
**Joseph Burlo Street, Tarxien,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**bin-numru 51252(M).**

**Illum 30 ta'  Mejju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Manuel Dingli li gie akkuzat talli bejn 11.09.96 u 5.05.98 u fis-snin ta' qabel fil-fond 146,  Cospicua Road, Paola bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna illi kellha f'idejha l-imsemmi fond b'diversi atti mghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghall-Lm415.03 ghad-dannu tal-korporazjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur.

(2) ghamel hsara jew kiser parti minn meter ta' l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (a fol 36).

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tighu.

Rat l-att kollha tal-kawza.

Rat li fil-fatt l-inspection fuq il-meter fil-post 146, Cospicua Road, Paola giet instigata mill-istess sid, l-akkuzat, wara li l-kerrejja ta' l-istess fond kienet ilmentat mieghu bhala sid li fil-fond imsemmi ma kienx hemm dawl.  Meta accedew fl-istess fond l-impjegati tal-Korporazzjoni sabu li l-meter hemm installat kellu toqba mal-gasket fil-base (xhieda ta' Salvinu Mifsud u ta' Harry Buttigieg).

Dan il-fatt gie anke kkonfermat mill-espert Hugh Camilleri.

Xehed ukoll Silvio Decelis. Ikkonferma dan ix-xhud li r-'registered consumer' tal-fond kien dejjem l-akkuzat. Esebixxa r-record of consumption li skond id-Dipartiment juri d-diskrepanzi bejn il-konsum precedenti u dak indikat fl-akkuza. Spjega wkoll illi fid-data 12.08.97, 25.11.97 jidher biss meter rent ghax inzerta dak iz-zmien fejn il-Korporazzjoni ma kinitx qed tohrog kontijiet ghax kien hemm il-problema tal-kontijiet.

Xehed ukoll l-imputat Manuel Dingli, xehed li l-fond in kwistjoni kien dejjem mikri lil terzi u li ghalkemm kien ir-registered consumer kien il-kerrej li kien ihallas is-servizzi ta' kera u ilma. Xehed li kien hu stess li ghamel ir-rapport. Qal ukoll li bejn is-sena 1996 u 1998 il-fond ma kienx mikri lil terzi.

Ikkonsidrat,

Kif jidher sew mill-artikolu 264(2) tal-Kap 9 il-ligi titfa l-piz tal-prova sa grad ta' probabilita' fuq l-akkuzat. Illi ma giex kontestat dak li qal l-istess akkuzat dwar il-fatt li f-fond kien mikri u li ghalkemm kien jidher bhala 'registered consumer' hu ma kienx fil-kuntratt tal-kirja responsabbli ghall-hlas. Din bhala spjegazzjoni fl-opinjoni tal-Qorti hi ferm probabbli. Lanqas huwa gust li r-record of consumption kif xehed Silvio Decelis, ma turi fid-dati msemmija, cioe fit-12.08.97 u 5.05.98 ebda granet tal-konsum u dawn xorta gew ikkalkolati bla ma l-consumer m'ghandu ebda rendikont ta' dak li qed jigi addebitat. Ghaldaqstant taqta u tiddeciedi billi tillibera lill-akkuzat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.